MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 375/2010

**Brian Edwards bħala prokuratur ta' missieru Joseph Edwards assenti preżentement minn dawn il-gżejjer**

**-vs-**

**James Degiorgio**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi huwa proprjetarju tal-fond magħruf Villa Gżira, Gżira;

2. Illi l-intimat qiegħed jokkupa dan il-post mingħajr ebda titolu u kontra r-rieda tas-sidien u għalkemm ġie interpellat biex joħroġ mill-istess post huwa rrifjuta li jagħmel dan u anzi allega li kellu jingħata flus talli

indukra l-fond għas-sidien u għalhekk irrifjuta li joħroġ qabel ma jitħallas;

3. Illi fil-fatt meta Brian Edwards avviċina lill-intimat biex joħroġ dan allega li tletin sena ilu f'Jannar huwa ġie mqabbad minn persuna mhux lilu magħruf u li huwa assuma li kien is-sid biex jieħu ħsieb l-fond u 55 ġimgħa wara kien ħallsu ta' dan is-servizzi in kontanti. L-intimat allega li kellu jieħu paga ta' 29 sena. L-intimat qatt ma ppretenda li huwa kellu dritt jgħix f'din id-dar tant li għandu dar oħra fejn jirrisjedi u fil-proprjeta' kien qiegħed iżomm annimali u kkawża ħsarat kbar. Illi huwa qatt ma ngħata ebda permess mis-sid u għalhekk ma għandu l-ebda dritt jiddetjeni l-fond;

4. Illi huwa assolutament ma hux minnu li s-sidien tawh xi dritt li jabita fil-fond jew impjegawh magħhom biex jindukra l-post u fi kwalsiasi każ huwa ma qiegħed juri l-ebda titolu għall-kontinwita okkupazzjoni tal-istess fond;

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tipproċedi bis-smiegħ ta' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ skond il-proċedura preskritta fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili;

2. Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa il-fond illegalment u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Tordna konsegwentement l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond magħruf Villa Gżira, Gżira f'dak it-terminu qasir u perentorju li tiġi prefissa minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat in subizzjoni, u b'riserva għal kwalsiasi azzjoni u dritt ieħor għad-danni kaġunati mill-aġir tal-intimat.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Lulju 2010 li permezz tiegħu l-partijiet ivverbalizżaw illi laħqu ftehim u talbu li tingħata sentenza;

Rat illi fl-istess verbal il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat illi minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti l-kawża kellha terġa’ titħalla għat-30 ta’ Lulju 2010 għas-sentenza

**Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu sal-31 ta’ Mejju 2011.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------